# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 947

KAZ NRU. 1015

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Romina Caruana

u

Sandpiper Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 29 ta' Mejju, 1998

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**Introduzzjoni** : Illi permezz ta' ittra datata 29 ta' Marzu 1996, l-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din il-kwistjoni tax-xoghol lil dan it-Tribunal ghat-temm obbligatorju taghha ai termini tal-Artiklu 28(2) tal-Kap 266.

Illi fl-iStatement of Case taghha, l-appellanti tallega li tkecciet fuq nuqqas ta' production meta nbidel l-ambjent tax-xoghol kif ukoll li tbiddlilha t-tip ta' xoghol taghha, minn machine operator fuq magna partikolari ghal tagger u wara ghal trimmer. Ma tellghetx il-production u finalment tkecciet.

Da parti taghha is-Socjeta' ntimata allegat li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanti kien dovut ghan-nuqqas inkompressibbli ta'l-impjegata taghha biex taddatta ruhha ghac-cirkostanzi godda li sabet fihom ruhha l-kumpanija b'mod l-aktar regolari, l-appellanti naqset li tilhaq il-production percentage rikjest u wara diversi warnings verbali u skritti ma kellhiex triq ohra hlief li titterminalha l-impjieg.

**Xhieda :** L-appellanti xehdet fis-seduta tas-26 ta' Lulju, 1996 u s-6 ta' Gunju, 1997. Kienet imdorrija tahdem fuq maqna Benthal fil-fabbrika tas-Socjeta' ntimata. Meta gew trasferiti ghal fabbrika ta' Valletta Light Clothing Company Limited, ma gietx moghtija l-istess magna. Sabet ruhha f'diffikulta' biex taghmel xoghol iehor ta' tagger u trimmer. Ma setghetx tlahhaq mal-persentaggi tal-produzzjoni.

Giet prodotta certa Maroushka Azzopardi fis-seduta tas-6 ta' Frar 1998. Stqarret li meta tkecciet mix-xoghol, giet sempliciment infurmata mill-General Workers' Union minghajr ma nghatat raguni.

Illi s-Socjeta' ntimata pproduciet lil Brian Zammit Marmara fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 1996, fil-kwalita' tieghu ta' Production Manager tal-Valletta Light Clothing Company Limited. Ix-xoghol kien isir skond l-esigenzi tal-kumpanija - ai termini tal-Collective Agreement li kellu effett mill-1 ta' Jannar, 1994, ghal perjodu ta' tlett snin. L-Art. 4

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-lamenti ta' l-appellanti jistghu jigu cirkoskritti ghal zewg pretenzjonijiet ossia l-ewwel li hija kellha terga' tintbaghat tahdem fuq magna Benthal, u t-tieni lok, illi n-nuqqas ta' production rate ma kellhiex twassal ghal mizura ta' terminazzjoni ta' mpjieg.

Illi jibda biex jinghad illi l-impjieg ta' l-appellanti mas-Socjeta' ntimata kien regolat tramite l-collective agreement fuq riferit. Fl-iskali tal-pagi, l-post ta' machine operator ma jinstab imkien sempliciment operator. Dan ovvjament jinkludi dawk il-funzjonijiet li mhumiex gja rikapitulati fin-nomenklatura l-ohra. Tinkludi ghalhekk tagger u/jew trimmer. Di fatti, l-Art. 21 - *Flexibility - employees shall be flexible in their duties. When the Company requires fexibility between one trade and another, it shall implement such flexibility after discussion with the Union.* Tant hu hekk illi meta l-appellanti nbidlilha x-xoghol, ma saret l-ebda protesta da parti tal-Union fil-konfront taghha.

Anzi, meta saret l-amalgamazzjoni tal-istrutturi bejn is-Sandpiper u l-Valletta Light Clothing, gew aggjustati favur il-haddiema stess r-rati tal-production bonus gja ezistenti fil-Collective Agreements taz-zewg

kumpaniji mal-istess Union. Dan tramite l-ftehim milhuq fis-17 ta' Dicembru, 1995.

Illi dana jfisser li r-rati mitluba mill-kumpanija u accettata mill-ghaqda Sindakali li tirrapprezenta l-haddiema fuq il-post tax-xoghol kienu jesigu l-attivazzjoni taghhom da parti tal-haddiema. Kienet wahda mill-kundizzjonijiet tax-xoghol.

Illi n-nuqqas ta' l-appellanti kien jikkonsisti fl-inabbilita' taghha li tilhaq il-production rates stabbiliti fil-Collective Agreement. Dan in-nuqqas taghha wassalha biex tinghata diversi warnings. Anzi dawn il-warnings kienu jinghataw lilha fil-prezenza tax-shop steward ossia r-rapprezentant ufficcjali ta' l-ghaqda Sindakali li tirrapprezenta l-haddiema fuq il-post tax-xoghol. Ma saret l-ebda oggezzjoni u/jew protesta. L-azzjoni tal-Management kienet *entro i termini* ta' l-istess Collective Agreement vigenti bejn il-partijiet. L-appellanti kienet parti minnu. *Pacta sunt servanda.*

**KONKLUZJONI :** Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jiddikjara li l-appellanti tkecciet ghal raguni gusta.

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol giet definitament terminata.

Ghall-fini ta' tassazzjoni, t-Tribunal jiffissa l-ammont dovut lill-konsulenti legali, fis-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) kull konsulent legali.

---------------------------
Dr. Joseph P. Bonnici LL.D
CHAIRMAN